MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Numru 562/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Marisa Camilleri**
**V**

**ANDRE SPAGNOL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANDRE SPAGNOL** ta' sittax il-sena bin Carmelo u Censina nee Mercieca, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Marzu 1983 u residenti 33, Triq Sant'Anna, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 181083M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tnejn ta' Lulju 1999, ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghaxija gewwa r-Reed's Disco, M'Scala, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Otis Aquilina f'perikolu car, hebb ghalih w ikkagunalu sfregju gravi u permanenti fil-wicc skond kif iccertifika Doctor Ian Gauci MD fil-Poliklinika ta' Rahal Gdid;

2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Mejju 2000 sabiex din l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar s-sitta ta' April 2004 [fol 122].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehdet l-Ispettur Marisa Camilleri** [fol 14] fejn qalet li nhar t-tlieta ta' Lulju 1999 kien sehh kaz r-Reed's Dicso f'M'Scala li hija bdiet tinvestiga cirka ghaxart ijiem wara peress li kienet ghadha mhux stazzjonata hemmhekk meta sehh l-incident u kienet giet trasferita hemm wara l-incident. Mill-investigazzjoni taghha rrizulta li kien hemm certu Otis Aquilina li kien gharus lil certa Victoria Urry li kienet tahdem fl-istess fabbrika tal-imputat u mid-dehra, xi gimghat qabel l-incident l-imputat u Otis Aquilina kellhom xi jghidu ghaliex l-imputat allegatament kien ghadda u kellem lil Victoria Urry. Otis Aquilina ma tantx kien ha pjacir b'dan pero l-bicca waqfet hemm. Il-Hadd ta' wara, l-imputat rega' ghadda minn hdejhom u rega' sellem lil

Victoria Urry u baqa sejjer. Qalet li skond l-imputat, xi hadd kien tefa' xi haga u laqat lilu, dar ghal gharrieda u laqat lil Otis Aquilina f'wiccu bi flixkun bl-ebda intenzjoni imma ghaliex kien inhasad. Qalet li meta hadet il-versjoni tal-ohrajn, dawn ma qablux mal-versjoni moghtija mill-imputat peress li dawn allegaw li peress li Victoria Urry kienet tahdem mal-imputat u kellu grazzja maghha kien anke ittantha kemm l-darba qabel l-imputat kien irrabjat ghal Otis Aquilina. Qalet li xhieda ghal dan l-fatt kien hemm biss Victoria Urry li meta kienet giet mitkellma kienet stqarret li meta hija kienet mal-bar fid-diskoteka Reed's u daret kienet rat lil imputat sejjer jattakka lil Otis Aquilina. Qalet li John Elton Mifsud kien qalilha l-istess haga u zied jghidilha li lanqas kien jaf isem l-imputat u li kienu jafuh biss bhala *x-Xifu*. Qalet li John Elton Mifsud kien qal li kienu grupp ta' nies, ra flixkun gej, l-ewwel ghadda zbrixx minn mieghu w imbaghad laqat lil Otis Aquilina u li x' hin dar, ra lil imputat jxejjer dan il-flixkun.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed PC 953 Lawrence Cassar** [fol 18] fejn qal li hu dakinhar tal-incident kien night watch orderly Haz Zabbar u ghall-habta ta' nofs il-lejl u ghaxra ta' filghodu kien dahal Otis Aquilina l-Ghassa akkumpanjat mill-gharusa tieghu Victoria Urry u xi hbieb tieghu u meta hares lejh ra li kellu ferita f'wiccu li skond hu kienet wahda gravi. Qal li kellu ticrita f'wiccu taht ghajnejh ix-xellugija. Qal li hu baghtu jaghmel certifikat mediku u meta gew lura hadilhom r-rapport. Qal li kull ma qalulu kien li dakinhar kienu r-Reed's Disco u li kien hemm certu Andre jghidulu x-Xifu, li jahdem ma Victoria Urry l-gharusa ta' Otis Aquilina. Qal li dawn ma tawhx aktar partikolaritajiet dwar din il-persuna u hu kien qalilhom biex igibu aktar informazzjoni dwaru mill-Personnel Section tal-fabbrika biex ikun jista jmexxi r-rapport. Qal li l-ghada kienu regghu marru u qalulu li ma riedux jaghtuhom din l-informazzjoni u ghalhekk ha l-bicca tax-xoghol f'idejh u cempel hu l-Personnel Section tal-fabbrika sabiex igib l-informazzjoni li kellu bzonn biex ikun jista jmexxi r-rapport. Qal li wara insistenza tieghu gie nfurmat minn din is-sessjoni tal-fabbrika li din il-persuna kien jisimha Andre Spagnol li kien joqghod 33, Triq Sant'Anna, M'Scala u ghalhekk hu kien cempel lil imputat

u dan kien mar l-Ghassa ma huh u staqsih x'kien gara dakinhar tal-incident.

Ix-xhud spjega li l-imputat kien qallu li hu kien d-disco u li xi hadd kien tefaghlu flixkun u laqtu f'rasu tant li kellu injury, li x-xhud ra, taht l-hairline ezatt f'forma ta' *lump* b'qasma, pero l-imputat dakinhar ma kienx ipproducielu certifikat dwar din il-ferita. Qal li meta staqsieh ghaliex ma kienx ha mieghu certifikat mediku dwar il-ferita li kellu, l-imputat kien rrispondieh li t-tabib ma kienx hariglu certifikat mediku. Spjiega lil imputat sabiex jipproduci certifikat mediku pero wara xi zmien meta rega' mar ghandu kien rega' qallu li ma rnexxilux igib certifikat mediku minghand t-tabib. Qal li meta kien staqsa lil imputat jekk kienx hu li kien ferih lil Otis Aquilina, l-imputat kien <u>ammetta</u> mieghu li kien hu li fera lil Otis Aquilina ghalkemm m'ammettiex li kien attakkah. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li hu kien waqaf hdejn il-bar quddiem dawk in-nies, u xi hadd tefghalu flixkun u laqtu f'rasu. Minnufih kien irreagixxa, kien xejjer idejh u laqat lil Otis Aquilina go wiccu accidentalment bil-flixkun tant li anke l-imputat kellu griehi f'idejh ghaliex il-flixkun kien infaqa f'idejh u ma wicc Otis Aquilina. Qal li kellu gerha f'idejh tal-lemin. Meta kien staqsa lil imputat jekk kienx Otis Aquilina li kien tah d-daqqa, l-imputat kien wiegbu fin-negattiv. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li kien cert li ma kienx Otis Aquilina li kien tah d-daqqa, ghalkemm ma setghax jghid min kien peress li kien hemm d-dlam fid-disco u kien hemm xi erbgha minn nies ohra. Qal li l-imputat kien qallu li ma kienx jaf mill-liema direzzjoni kien gie l-flixkun pero l-flixkun li kien gie garat kien laqat lilu.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed PC 132 Joseph Camilleri** [fol 21] fejn qal li ma kien jaf xejn dwar l-incident in kwistjoni ghaliex ghalkemm kien ghassa dakinhar meta Otis Aquilina dahal jaghmel rapport, huwa kien barra fuq bicca xoghol ohra.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed Doctor Ian Gauci** [fol 22] w ikkonferma d-dokument C [fol 8] li hu certifikat mediku mahrug minnu nhar t-tnejn ta' Lulju 1999

dwar Otis Aquilina. Spjiega li fuq l-*eyebrow* tax-xellug kellu nefha zghira u kellu qasma ta' tlett centimetri taht ghajnejh x-xellugija. Kompla jghid li apparti dawn il-griehi il-pazjent ma kellu xejn aktar. Mistoqsi jispjiega n-natura tal-feriti dan ix-xhud qal li meta jkun hemm qasma fuq il-wicc u jinhtieg li jsiru punti, huwa jikklassifika l-griehi bhala feriti ta' natura gravi. Qal li l-ferita kienet kompatibbli ma daqqa bis-sahha minn xi *blunt object*.
Illi **nhar t-tnejn ta' Novembru 2001 [fol 93] Doctor Ian Gauci** regha xehed u spjiega li meta ezamina lil Otis Aquilina dan kellu qasma taht ghajnejh tax-xellug, fic-*cheek bone* u li kien ghamillu hames punti. Qal li wara hu ma regghax rah wara din l-okkazzjni u ma kienx hu li nehhilu l-punti. Qal li meta rah, l-ferita li kellu Otis Aquilina, kellu ferita ta' tlett centimetri tul zgur u kienet vizibbli. Spjiega li meta jsiru punti fuq il-wicc, bhala procedura huma dejjem jikklassifikawhom bhala ta' natura gravi anke jekk il-punti jfiequ u ma jibqa jidher xejn u dan ghaliex huwa rari biex ma jibqa jidher assolutament xejn fil-wicc.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed Otis Aquilina** [fol 25] fejn qal li hu kien d-disco Reed's ghall-habta tal-hdax u kwart dakinhar tat-tnejn ta' Lulju 1999 flimkien ma Elton Mifsud, li kien hdejh, u Victoria li tigi n-namrata tieghu. Qal li hin minnhom, meta hu kien daru lejn il-bar, ghadda l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, hares bl-ikrah lejh, ma tkellmu xejn bejniethom, dar lejn il-bar biex ma jaghtix kazu u f'daqqa wahda hass flixkun fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. Wara ntilef minn sensih ghal ftit u meta gie lura f'sensih sab ruhu f'idejn bouncer li beda jghamillu tissue ma wiccu u tefghu 'l barra. L-imputat gie mill-gemb tieghu, qisu minn warajh w d-daqqa hassa minn wara. Spjiega li ma kienx ra minn kien tah d-daqqa ghalkemm kien ra lil imputat jhares lejh bl-ikrah. Qal li qabel ma qala d-daqqa ma jafx li kien gara xi haga, ma kien hemm xejn. Qal li mumenti zghar qabel ma qala d-daqqa, hu kien ra lil imputat ghaddej minn quddiemu jzomm flixkun Heineken f'idejh. Qal li wara mar l-Poliklinka u ghamlulu xi punti u l-ghada l-gharusa tieghu qaltlu li minn tah d-daqqa kien jahdem maghha, certu Andre. Otis Aquilina kompla jghid li kien hemm hafna nies li kellhom

flixkun f'idejhom dak l-hin pero hu ma kellux flixkun f'idejh. Ix-xhud ma tfakarx jekk shabu li kienu mieghu kellhomx flixkun f'idejhom. Ix-xhud cahad li qabel l-incident hu kellu xi argument kif gie suggerit lilu mid-Difiza. Qal li qatt ma kellu xi kwistjoni jew glied mal-imputat. Meta x-xhud gie muri tlett ritratti markati bhala dokument PC 1 sa PC 3, ikkonferma li fihom tidher il-persuna tieghu. In kontro ezami x-xhud qal li hu hass daqqa qisha ta' flixkun, anzi qal li kien zgur li kienet daqqa ta' flixkun ghaliex hass il-hgieg, anke go rasu kellu hgieg.

Ix-xhud qabel ma dak suggerit mid-Difiza, li fid-discos hafna drabi ikun hemm hgieg miksur mal-art, ghalkemm fejn kien hu kien zgur li ma kienx hemm hgieg miksur mal-art, ghaliex spjiega, li kieku meta kien f'sensih kien jirfsu. Qal li fl-area fejn kien hu kien hemm ftit dawl qishom *flood lights*, u kien hemm ftit nies imbeghdin minn xulxin. Qal li hu storda ghal ftit sekondi pero ma waqax mal-art u li laqghu l-bouncer biex ma jaqax mal-art. Qal li meta qala d-daqqa hass oggett tal-hgieg jinfaqa ma wiccu. Qal li l-hgieg kien ta' kulur qisu ahdar, tal-Heineken. Qal li kien zgur li l-imputat, meta ghadda minn hdejh kellu flixkun Heineken ghaliex rah.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed Elton Mifsud** [fol 36] fejn qal li nhar t-tnejn ta' Lulju 1999 hu kien fil-kumpanija ta' Otis Aquilina u t-tfajliet taghhom certa Wendy Caruana u Victoria Urry, fir-Reed's disco ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl. Qal li hin minnhom waqt li hu kien ma Otis Aquilina, ghadda l-imputat minn quddiemhom, hares bl-ikrah u wara ftit rega' ghadda bi flixkun f'idju, xejjer daqqa, laqat lilu bi sbrixx u faqghu ma wicc Otis Aquilina. Qal li dak l-hin hu kien qed jhares lejn Otis Aquilina. Ix-xhud qal li meta Otis Aquilina qala d-daqqa Otis Aquilina kien qed ihares lejn t-tfajla tieghu fuq ix-xellug filwaqt li hu kien qed ihares lejh. Spjega li hu hass daqqa zghira u ra il-flixkun f'idejn l-imputat li faqghu f'wicc Otis Aquilina. Ix-xhud ikkonferma li kien l-imputat presenti fl-awla li rah jifqa l-flixkun f'wicc Otis Aquilina. Qal li meta kienu mal-bar, t-tfajla ta' Otis kienet hdejhom, ma gemb xulxin. Qal li hu kien fuq il-lemin ta' Otis u t-tfajla ta' Otis kienet fuq in-naha tax-xellug. Ikkonferma li

qabel dan l-incident lil imputat ma kienx jafu u li fil-fatt l-ghada sar jaf li jismu Andre minghand t-tfajla ta' Otis Aquilina, peress li jahdem maghha. Spjiega wkoll li din kienet qaltilhom li ftit qabel l-imputat kien taha fastidju. Ix-xhud qal li hu ma kienx ra lil imputat qabel l-hin tal-incident. Ikkonferma li d-daqqa li qala Otis Aquilina kien bi flixkun tal-Heineken li nfaqa ma wicc Otis Aquilina u l-hgieg tieghu anke tar ghal fuqu. Wara li ntefgha l-flixkun kemm Otis Aquilina kif wkoll hu ntlew bid-demm u kien hemm bouncer li ha lilu f'toilet u lil Otis f'iehor. Wara li ntefa' l-flixkun, ra lil imputat f'idejn bouncer jissara. Dak l-hin l-imputat ma kellu xejn f'idejh, kien rah bil-flixkun dak l-hin li ta d-daqqa. Enfasizza li l-imputat ma tefghax l-flixkun izda ta daqqa bih u laqat lil Otis Aquilina fuq ghajnejh x-xellugija. Kien cert li l-imputat ghadda minn quddiemu, xejjer d-daqqa fid-direzzjoni ta' Otis, laqat lilu bi sbrixx peress li kien vicin Otis Aquilina u faqa' l-flixkun ma wicc Otis Aquilina.

In kontro ezami jghid li ghalkemm kien id-dlam wiehed kien jara. Qal li huma ma kienux ghadhom xorbu hafna ghaliex kienu ghadhom kemm waslu.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehdet Victoria Urry** [fol 44] fejn qalet li dakinhar tat-tnejn ta' Lulju 1999 hi kienet flimkien ma Oits u xi hbieb taghhom r-Reed's disco w inqalghet glieda. Qalet li hi kienet qed titkellem ma Otis, rat lil imputat gej, daret lejn habibitha biex ma toqghodx thares lejh, u wara ftit rat hgieg tal-Heineken itir ma wicc Otis u ratu mimli demm, rat wkoll lil imputat kwazi fuqu u gew izommuh l-bouncers. Dakinhar fil-hin tal-incident hi kienet qed thares lejn in-nies jisfnu u rat lil imputat, li gharfet presenti fl-awla, gej u daret fid-direzzjoni tal-bar. Qalet li hi dak l-hin hasbet li kien gej ghalihom b'mod partikolari, ghal Otis Aquilina ghaliex beda jhares bl-ikrah lejh. Spjegat li taf lil imputat peress li jahdem maghha. Kienet ilha tafu xi gimghatejn, tlett gimghat. Qalet li lil imputat qatt ma kienet ratu u li x-xoghol biss kienet tafu. Ikkonfermat li qabel l-incident hi kienet rat lil imputat b'flixkun Heineken f'idu. Qalet li hi kienet ghassa tal-imputat peress li hmistax qabel l-incident kienu r-Reed's disco, u l-imputat mar jkellimha

meta kien hemm l-gharus taghha hdejha u qabdilha wara pero hi ma kienetx qaltlu lil gharus taghha b'dan biex ma jinqalax paroli. Qalet li wara li kien gara l-incident, s-Sibt, filghodu kienet qaltlu b'kollox li kien ghamlilha l-imputat.

In kontro ezami ix-xhud qalet li meta gara l-incident hi kienet fuq il-lemin tal-gharus taghha Otis Aquilina. Qalet li f'hin minnhom rat lil imputat gej, ratu jhares lejhom bl-ikrah u daret biex ma jinqalawx paroli filwaqt li Otis dar biex jkellem lil habib tieghu fuq ix-xellug. Hija certa li kien flixkun tal-Heineken peress li x'hin rat lil imputat gej mill-faccata, rat l-flixkun f'idu. Qalet li fid-disco kien hemm hafna nies u li kien hemm konfuzjoni. Fissret li bejnha u l-imputat kien hemm cirka hmistax il-pied u kien hemm xi nies ohra f'nofshom. Spjiegat li l-flixkun mhux tefghu izda ta bih u li x'hin ta bih, l-flixkun tfarrak mal-art.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehdet Wendy Caruana** [fol 49] fejn qalet li dakinhar tat-tnejn ta' Lulju 1999 hi flimkien ma Otis, Victoria u Elton kienu r-Reed's disco ghal habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl. Qalet li hin minnhom kienet qed titkellem ma Victoria Urry li kienet hdejha ma gembha u hdejhom kien hemm Otis u Elton. Qalet li dak l-hin rat lil imputat, li gharfet presenti fl-awla, ghaddej minn quddiemhom fid-disco waqt li kienet qed thares fid-direzzjoni tan-nies fuq ix-xellug taghha. Qalet li imbaghad harset lejn Victoria, daret lejha, kellmitha u hasset l-hgieg ma saqajha u meta harset lura, rat lil Otis b'wiccu kollu demm u lil imputat fuqu, vicin tieghu hafna, proprju hdejh. Qalet li Victoria dak l-hin kienet qed thares lejha. Qalet li lil imputat ma kienetx tafu qabel l-incident u li qatt ma kienet ratu qabel. Dakinhar la hu ma kien kellimhom u lanqas huma ma kienu kellmuh w ikkonfermat li qabel l-incident hi ma ratu jaghmel xejn lil imputat. Qalet li wara l-incident gew il-bouncers u haduh 'l hemm. Qalet li hi ma ratx lil imputat jaghti xi daqqa, rat biss lil imputat hdejn Otis Aquilina. Qalet li ma rat xejn f'idejn l-imputat la qabel u lanqas wara l-incident. Qalet li qatt ma rat lil Otis jkellem lil imputat, rat biss dak l-hin tal-incident.

In kontro ezami x-xhud qalet li meta gara l-incident hi kienet qed titkellem mat-tfajla tieghu. Qalet li hi ma ratx l-oggett li laqat lil Otis.

Illi **nhar is-sbatax ta' Settembru 1999 xehed Joseph Hili** [fol 54] fejn qal li hu bouncer fir-Reed's disco u nhar t-tnejn ta' Lulju 1999 hu kien xoghol hemmhekk. Spjega li hu kull ma ra dakinhar kien biss nies jinfirdu fis-sens li meta jinqala l-glied, in-nies li ma jkollhomx x'jaqsmu, jersqu lura u hu mar mill-ewwel fuq il-post u ra lil Otis bid-demm u pprova jikkurah kif setgha. Qal li meta mar fuq il-post lil imputat ma rahx hemmhekk u zied jghid li x'aktarx lil imputat hargu xi hadd iehor minn shabu. Qal li dakinhar tal-incident kien hemm aktar bouncers shabu fuq il-post, kien hemm xi tlieta. Qal li kien hemm zgur Kurt Zarb u Kris Mizzi.

Illi **nhar l-erbatax ta' Frar 2000 xehed PC 516 Alfio Borg** [fol 65] fejn ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument AB a fol 67 tal-atti.

Illi **nhar t-tnax ta' April 2000 xehed PC 1589 Kevin Borg** [fol 72] li kkonferma li l-istqarrija dokument S [fol 10] giet rilaxxjata mill-imputat, fil-presenza tieghu wara li dan nghata s-solita twissija. Ix-xhud gharaf fuq dan d-dokument l-firma tieghu, tal-Ispettur kif wkoll tal-imputat, li gharaf presenti fl-awla.
Illi **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 xehed Doctor Michael Borg** [fol 103] fejn ikkonferma li d-dokument PC 4 [fol 9] huwa certifikat mediku rilaxxat minnu nhar t-tnejn ta' Settembru 1999 fil-konfront ta' Otis Aquilina li joqghod Bormla. Qal li meta ra dan il-pazjent kien imdejjaq hafna pero kien diga qed jara psikjatra. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar l-pazjent kellu depressjoni li ma kienetx tippermettilu li jahdem ghal zmien indefinit ghaliex depressjoni mhux dejjem tirrispondi ghall-istess kura fl-istess zmien.

**Illi nhar s-sittax ta' Frar 2004 il-Qorti nnominat lil Doctor Dino Vella Briffa** sabiex jezamina lil Otis Aquilina sabiex jikkonferma l-feriti fuq wiccu humiex ta' natura permanenti.

Illi **nhar s-sitta ta' April 2004 xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 123] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument DVB [fol 125]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-feriti fuq wicc l-vittma ma kienux ta' natura permanenti. Jirrizulta li biex tidher sew l-ferita, d-dawl irid jolqotha minn certu angoli u grazzi ghat-tieni intervent kirurgiku, il-ferita ma tantx taghti fil-ghajn, pero minn naha l-ohra, l-fdalijiet huma certament ta' natura permanenti u minn din il-perspettiva l-ferita hija ta' natura gravi.

Illi **nhar s-sbatax ta' Jannar 2005 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** fejn kkonferma l-istqarrija li hu rrilaxxja dokument S a fol 10 tal-atti. Mistoqsi kemm kien ilu fil-bar dakinhar tal-incident ix-xhud wiegeb li ma kienx ilu. Qal li meta garawlu l-flixkun, spicca b'farrett f'mohhu.

Illi **nhar s-sittax ta' Marzu 2005 xehed Brian Agius** [fol 145] fejn qal li hu kien ilu jaf lil imputat madwar tmien snin. Ftakar li darba minnhom kien jum is-Sibt, hu u l-imputat kienu f'diskoteka f'Wied il-Ghajn, r-Reed's Disco u ghal habta tad-disgha w nofs jew l-ghaxra ta' bil-lejl inqala argument bejn l-imputat u certu Otis Aquilina minn Bormla dwar xi tfajla. Qal li waqt dan l-argument Otis Aquilina xejjer flixkun f'wicc l-imputat, kellu wiccu bid-demm, u wara hu ta daqqa lil Otis Aquilina u telaq jigri 'l barra. Qal li hu hareg jigri 'l barra wara l-imputat. Meta Otis ta daqqa lil imputat, l-imputat xejjer idu u kellu flixkun f'idu li laqat lil Otis u dan harab jigri 'l barra. Mistoqsi jekk Otis kien wahdu, x-xhud wiegeb li le, jekk mhux ma iehor kien ma tnejn zgur. Spjega li Otis Aquilina kien ikun ma klikka ta' erbgha jew hamsa minn nies w ikkonferma li Otis Aquilina kien li gie rrannkat ghal fuq l-imputat l-ewwel waqt li l-imputat kien qed jitkellem mieghu u rah gej rrannkat u l-imputat ma qallu xejn.

Ikkunsidrat:

Ili dan il-kaz jiddependi fuq kredibilita ta' xhieda ghaliex il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet ta' x'wassal ghal incident in dezamina. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid li l-

imputat ta daqqa ta' flixkun lil Otis Aquilina ghaliex kien qed jghir ghalih ghaliex kien qed johrog mat-tfajla Victoria Urry li huwa xtaq u minn naha l-ohra l-imputat jghid li huwa gie aggredit minn Otis Aquilina u wara li gie milqut minnu irreagixxa billi tefa' flixkun Heineken fid-direzzjoni tieghu.

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar min ikkaguna l-ferita li sofra Otis Aquilina u lanqas dwar in-natura taghha ghaliex kif xehed Doctor Dino Vella Briffa il-ferita hija ta' natura gravi.

Id-Difiza ssostni li l-imputat agixxa in legittima difesa jew in pessima ipotesi, f'eccess ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u cioe:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

L-artikolu 224 tal-Kap 9 jsemmi certi kazijiet (li taht l-ebda immaginazzjoni hi ezawrijenti) ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Fil-fatt **l-Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968 jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu indikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jisab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghawx jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo:**

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kien f'xi posizzjoni u stat mentali u psikjatriku ghalfejn kellu jagixxi bil-manjiera li agixxa biha.

Fit-tieni lok, d-difiza, fit-trattazzjoni taghha, sostniet illi l-imputat ghamel dak li ghamel ghaliex kien gie provokat mill-allegat vittma Otis Aquilina, ghalkemm mix-xhieda prodotta mill-istess difiza ma jirrizultax li l-imputat f’xi hin ammetta li aggredixxa lil xi hadd, anzi dejjem jghid li kien hu li gie aggredit kwazi kwazi ghal xejn b’xejn, pero’ stranament, meta gie mistoqsi jekk kellux certifikati medici in sostenn tal-feriti li subixxa, huwa jghid li t-tabib ma riedtx jirrilaxxjalu certifikat mediku. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat gie provokat, anzi kien hu li ipprovoka u ikkreja l-incident in esami. L-imputat fil-fehema tal-Qorti agixxa b’mod irrisponsabbli u irragonevoli billi qabad u tefgha flixkun fid-direzzjoni ta’ Otis Aquilina w

ikkagunalu l-feriti fuq deskritti u dan ghal xi raguni li mill-atti ma tirrizultax bic-car.

Illi l-provokazzjoni jista' jigi ammess bhala fattur mitiganati meta l-agent li kien qed jagixxi jitlef il-kontroll ordinarju tieghu nnifsu minhabba l-passjoni kkreata mill-att provokattiv tal-agent li jgieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li hu importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod, pero dan ma kienx l-kaz in desamina.

Fi kliem **Manzini** (***Vol II, pag. 240, Diritto Penale***);

*"In uno stato di ira determinato da un fatto ingiusto altrui"*.

L-awtur Ingliz **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility*** jghid;

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutive of punishment because the agents' ability to control his action is thought to have been impaired or weakened otherwise than his own actions so that conformity to the law which she has broken was a matter of special difficulty for him, as compaired with normal persons, normally placed"*.

Fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax illi l-imputat kien gie aggredit u dan ghaliex id-difiza ma ressqet l-ebda provi biex issostni tali asserzjoni salv ix-xhieda tal-imputat li hija kontradetta in toto mix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni.  Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghandha kollha mis-sewwa, hija kostanti u korroborata bil-ferita li giet deskritta minn Doctor Ian Gauci.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u innotat li hija wahda indelibbli minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha pero dan nonostante thoss illi l-imputat ghandu jigi penalizzat ta' dak li ghamel b'mod sever bil-ghan li ma thalliex nies jaghmluha ta' bullies f'diskoteka u jagredixxu lil terzi persuni li jkunu qed jiehdu pajcir ghall-affari taghhom.  Il-ferita li ssubixxa Otis Aquilina kif deskritta fid-dokument "C" hija wahda serja, tikkostitwixxi sfregju fil-wicc w ghalhekk hija tal-fehema li l-piena

idoneja hija karcerarja, pero fic-cirkostanzi, in vista tal-fedina penali netta tieghu u l-eta tenera ta' sittax il-sena meta kkommetta dan r-reat, hija tal-fehma li l-piena karcerarja ghandha tkun wahda sospiza.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 218(1)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li tichad l-linja difensjonali tal-imputat, u tiddikjara li ssib lill-imputat ANDRE SPAGNOL hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' erbatax il-xahar sospizi ghal tlett snin bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din s-sentenza ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qed wkoll torbot lil imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum li ma jimmolesta u ma jingurjax lil Otis Aquilina taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti spjiegat l-import ta' din s-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------